

**Mill-President Onorarju il-Commendatore** Simon A. Bonello

# Floriana Belt Monumentali

Ma nkunx qiegħed niżbalja meta ngħid li l-Floriana hija belt monumentali għax fiha nsibu numru kbir ta' monumenti ta' livell nazzjonali u oħrajn li jsebbħu d-diversi partijiet tagħha. Xi wħud minnhom ifakkru ġrajjiet storiċi fl-istorja ta' Malta u magħrufa sewwa mill-Maltin.

Fost il-monumenti fil-Floriana tlieta huma ta' importanza kbira fuq skala nazzjonali. Dawn huma l-Monument ta' Kristu Re, il-Monument tal-Gwerra (War Memorial) u l-Monument ta' l-Indipendenza.

**Kristu Re**

Il-Monument ta' Kristu Re jfakkar ġrajja importanti fl-istorja Eklezjastika Kattolika ta' pajjiżna, il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913 u li l-qofol tiegħu kien fil-Floriana. Eluf kbar ta' Maltin kienu nġabru madwar it-tribuna li kienet bejn wieħed u ieħor bejn l-istess monument u fejn illum hemm il-Monument ta' l-Indipendenza. Għal din l-okkażżjoni ġew Malta nies minn kull parti tad-dinja fosthom kardinali, isqfijiet, saċerdoti u dinjitarji oħra kollha mmexxija mill-Kardinal Domenico Ferrata li kien id-Delegat tal-Papa San Piju X. Il-monument huwa xogħol tal-magħruf skultur Malti Antonio Sciortino. Juri l-figura imponenti ta' Kristu qisu miexi lejn iċ-ċentru tal-Floriana bil-figura ta' Malta sottomessa lejn il-Feddej. Snin mhux'il bogħod ħafna meta l-Festa ta' Kristu Re kienet tintemm fi Pjazza San Publju fejn rappreżentanti tal-Gvern u għaqdiet kostitwiti kienu jqiegħdu kuruni madwar dan il-monument. Illum il-festa ta' Kristu Re ssir f'lokalitajiet oħra differenti.



**Il-Monument tal-Gwerra (War Memorial)**

Dan il-monument li jfakkar il-vittmi taż-żewġ Gwerer Dinjija ġie mikxuf fl-1935 minn Sir Charles Bonham Carter, Gvernatur ta' Malta. Meta sar ma kienx fil-post fejn jinsab illum. Kellu jiġi mċaqlaq fl-1955 mill-post oriġinali minħabba li sar it-tibdil kbir ta' Triq Sant'Anna u l-inħawi tagħha. Huwa imponenti fis-sempliċita` tiegħu forma ta' salib Latin. L-ogħla awtoritajiet Maltin, ambaxxatur, il-Forzi Armati u l-Pulizija, ex servicemen fil-forzi armati Brittaniċi u rappreżentanti ta' korpi kostitwiti jingabru ħdejh nhar it-tieni Ħadd ta' kull Novembru (il-Poppy Day) biex jiftakru fil-mejtin li ħallew ħajithom fiż-żewġ gwerer u b'sinjal ta' rispett iqiegħdu kuruni.



## Mill-President Onorarju il-Commendatore Simon A. Bonello

### Il-Monument ta' l-Indipendeza

Żgur li l-akbar ġrajja fl-istorja politika ta' pajjiżna kienet meta mad-daqq tal qniepen ta' l-arloġġ tal-Knisja Arċipretali ta' San Publju f'nofs il-lejl fil-bidu tal-jum tal-21 ta' Settembru 1964 fil-Floriana Parade Ground (illum l-Arena ta' l-Indipendenza) quddiem eluf kbar ta' nies tniżżlet għall-aħħar darba l-bandiera Brittanika u flokha telgħet dik Maltija biex Malta saret nazzjon sovran. Ma setax jonqos li din il-ġrajja ma tiġix imfakkra għal dejjem permezz ta' monument imponenti f'ras il-Mall fejn qabel kien hemm l-istatwa tal-Gran Mastru Vilhena. Ħafna Furjaniżi ma qablux li dan il-monument kellu jieħu post dak tal-Vilhena iżda l-Gvern ħass li dak il-post kien ideali minħabba li kien qrib fejn saret iċ-ċerimonja ta' l-Indipendenza.

Fil-Floriana jeżistu tliet monumenti ta' importanza partikulari Furjaniża – dak tal-Gran Mastru Vilhena, statwa tal-ġebel ta' San Publju u l-Funtana ta' l-Iljun. It-tlieta huma għal qalb ta' kull Furjaniż.

### Il-Gran Mastru Anton Manoel de Vilhena (Irrenja bejn 1722-1736)

Ġustament il-Gran Mastru Vilhena huwa magħruf bħala missier il-Floriana. Kienet l-idea tiegħu li tinbena din il-belt u xtaq li tissemma Borgo Vilhena. Ismu huwa immortalizzat permezz tas-Soċjeta` Filarmonika Vilhena, l-banda tagħna. L-istatwa kienet ikkummissjonata mill-ħabib tiegħu l-Kavallier Franċiż Felician de Savasse fl-1733 u ħarġet mill-Funderija ta' Louis Bouchut. Din l-istatwa okkupat diversi postijiet. L-ewwel fil-Forti Manoel (fil-gżira Manoel), wara fi Pjazza Teżorerija (Valletta) minn fejn tneħħiet biex tpoġġiet flokha l-istatwa tar-Reġina Vittorja u għaldaqstant sabet ruħha quddiem id-daħla ewlenija tal-Ġnien tal-Mall. Għal xi żmien inżammet magħluqa f'Sant'Iermu fil-Belt Valletta u finalment irritornat fil-Floriana fi Pjazza Papa Ġiovanni XXIII fejn għadha sa llum.

### San Publju

Jekk in-nazzjon Malti kif kien jixraq waqqaf il-Monument ta' Kristu Re biex ifakkar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1931 il-Furjaniżi riedu jfakkru l-istess ġrajja importanti b'monument tagħhom, jiġifieri bl-istatwa ħelwa tal-ġebel ta' San Publju jidher qed ibierek li tinsab f'tarf iz-zuntier iż-żgħir ta' Knisja Arċipretali faċċata ta' Triq il-Miratur.

### L-Iljun

L-iljun huwa s-simbolu tal-Floriana, fil-fatt huwa parti mill-bandiera ta' din il-belt. Jissimbolizza l-bidu tal-Floriana. L-iljun, parti statwa u parti funtana, jinsab f'tarf Pjazza Sant'Anna. Qabel ġie trasportat għal fejn qiegħed illum huwa kien fin-nofs ta' l-istess pjazza. Bħall-monument tal-Gran Mastru Vilhena għamel żmien magħluq. Ġie mċaqlaq minħabba r-rikostruzzjoni ta' Triq Sant'Anna.

Fil-Mall insibu numru ta' monumenti ta' persunaġġi filantropiċi li spikkaw fil-professjonijiet rispettivi tagħhom u li għamlu ġieħ lil Malta barra lilhom infushom u lil-ibliet jew l-irħula fejn twieldu. Se nsemmihom wara xulxin hekk kif nidħlu mid-daħla ewlenija ta' dan il-ġnien magħruf. B'kollox insibu disgħa, numru sabiħ tagħhom ta' l-iskultur magħruf Malti Chev. Professur Vincent Apap.

### Dr. Aloysius Pisani (1866-1885)

L-ewwel ma nsibu huwa l-monument ta' Dr. Aloysius Pisani mwieled fil-Belt Vittoriosa. Kien kirurgu magħruf fil-Gżejjer Maltin. Ħadem ħafna meta qamet il-pesta minkejja li kien għadu ma ggradwax bħala tabib. Dr. Nikola Zammit għamel id-disinn tal-monument li nħadem minn Giovanni Darmanin.



## Mill-President Onorarju il-Commendatore Simon A. Bonello

**Sir Filippo Sciberras (1850-1928)**
Dan iċ-ċittadin Furjaniż kien figura importanti fuq skala nazzjonali. Kien hu li laqqa' l-Assemblea Nazzjonali fl-1919 biex sentejn wara Malta ngħatat Kostituzzjoni mill-Gvern Brittaniku. Kien il-Konti Professur Sir Luigi Preziosi li nieda l-ġbir ta' fondi biex sar il-monument tiegħu fil-Mall, xogħol ta' Chev. Professur Vincent Apap u dan ħareġ mill-Funderija ta' Francis Abela & Sons f'Tal-Pieta`. Il-monument inkixef mill-Prim Ministru Dr. Giorgio Borg Olivier fil-preżenza tal-Gvernatur Ġenerali Sir Maurice Dorman, Mons Arċisqof Mikiel Gonzi u waħda minn ulied Sir Filippo, Mrs. Ida Randon. Sir Filippo kien joqgħod f'25 (llum numru ieħor) Triq is-Suq, Floriana.

**Sir Hannibal P. Scicluna (1880-1981)**
Sir Hannibal kien Furjaniż u twieled fi Triq Is-Suq fl-1880 u miet fl-eta` sabiħa ta' 101 fl-1981. Huwa kien persuna distinta u rrispettat anke mill-Familja Rjali Brittanika tant li onoratu bit-titlu ta' Sir. Kien ukoll kavallier ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann (SMOM) li dwarha kiteb ktieb. Il-professjoni tiegħu kienet dik ta' Kap tal-Bibljoteka Nazzjonali. Meta għalaq 100 sena l-FSOBIANS Club organizzalu festin waqt quddiesa fil-knisja ta' San Publju.

**Il-Konti Professur Sir Luigi Preziosi (1888-1965)**
Wara li sar il-monument ta' Sir Filippo Sciberras kien jixraq li jsir dak ta' ċittadin ieħor Furjaniż, il-Konti Sir Luigi Preziosi, professur ta' l-oftalmologija (speċjalista tal-għajnejn) ta' fama internazzjonali. Kien il-President ta' dik l-Assemblea Nazzjonali msejħa minn Sir Filippo Sciberras li minnha twieldet il-Kostituzzjoni tal-1921. Il-monumenet, xogħol ukoll ta' Chev. Professur Vincent Apap, sar wara ġbir ta' fondi minn kumitat ippresedut mill-Professur Carmelo Coleiro. Bħal dak tal-ħabib tiegħu Sir Filippo Sciberras ħareġ mill-funderija ta' Francis Abela & Sons. Inkixef ukoll mill-Prim Ministru Dr. Giorgio Borg Olivier fil-preżenza tal-Gvernatur Ġenarali Sir Mourice Dorman, l-Arċisqof Gonzi u Lady Preziosi. Il-Konti Preziosi kien joqgħod u miet fi Trejqa San Tumas, il-Floriana.

**Sir Ugo Mifsud (1889-1942)**
Bniedem ta' integrita` kbira, Sir Ugo Mifsud kien Prim Ministru darbtejn (1924-1927 u 1932-1933). Għal xi żmien kien joqgħod ukoll fil-Floriana. Il-monument tiegħu nkixef minn Prim Ministru ieħor, Dr. Giorgio Borg Olivier fl-1963. Dan il-monument, ħidma ta' Chev. Professur Vincent Apap, huwa rigal ta' ħabib intimu tiegħu, Dr. Constantine Colombos. Sir Ugo kien Segretarju ta' dik l-Assemblea Nazzjonali msemmija qabel. Miet wara tbaqbiqa li ħa fil-Parlament meta kien qed jiddefendi lil dawk li sfaw eżiljati fl-Uganda fit-Tieni Gwerra Dinjija mill-Gvern Brittaniku.

**Il-Markiż Giuseppe Scicluna (1856-1907)**
Dan il-persunaġġ filantropu msemmi ħafna fin-negozju u l-kummerċ kien magħruf bħala ċ-Ċisk. Il-kelma Ċisk ġejja minn cheque għax kien introduċa l-ħlas permezz ta' biċċa karta flok flus normali. Baqa' msemmi għall-bini ta' l-Istitut Fra Diego fil-Ħamrun, rigal tiegħu lit-tfal neqsin minn bżonnijiet neċessarji. Għall-karita` tiegħu l-Papa Ljun XIII ħatru markiż. Il-monument tiegħu sar fl-1903.

**Il-Markiż Vincenzo Bugeja (1820-1890)**
Dan il-monument sofra ħsarat fl-aħħar Gwerra Dinjija u kellha titneħħa speċi ta' purtiera (back drop) skura wara l-figura tiegħu. Huwa monument sabiħ ħafna. Il-Markiż Bugeja kien filantropu u politiku. Waqqaf il-famuż Conservatorio Vicennzo Bugeja u l-Istitut Tekniku t-tnejn f'Santa Venera. Ġie onorat kemm mill-Papa Ljun



**Mill-President Onorarju il-Commendatore** Simon A. Bonello

XIII meta għamlu markiż u b'dekorazzjoni mir-Reġina Vittorja tal-Gran Brittanja. Ix-xogħol sar mill-iskultur Giulio Moschetti u nkixef fl-1897.

**Sir Adriano Dingli (1817-1900)**
Sir Adriano kien Prim Imħallef u magħruf bħala leġislatur ta' kapaċita` kbira. Il-monument, xogħol tal-magħruf skultur Malti Antonio Sciortino, inkixef mir-Re Dwardu VII tal-Gran Brittanja fl-1907 u tbierek mill-Arċisqof Pietro Pace. Il-kumitat li ġabar il-fondi biex seta' jsir dan il-monument kien ippresedut minn prim imħallef ieħor, Sir Joseph Carbone.

**Nicholas Papaffy (1792-1866)**
Niġu għall-aħħar monument fil-Mall u l-uniku wieħed ta' persunaġġ f'dan il-ġnien li mhux Malti. Kien Grieg u ġie Malta bħala immigrant. Permezz ta' ħidmietu sar sinjur minn negozji li kellu fil-qamħ u l-faħam. Ma nesiex li huwa kellu jemigra minn pajjiżu u ried jgħin finanzjarjament lill-Maltin li xtaqu jemigraw biex isibu xogħol 'il barra minn xtutna. B'turija ta' ħajr il-Gvern f'isem il-poplu Malti waqqaf dan il-monument, xogħol ta' Chev. Professur Vincent Apap.

Barra l-monumenti ġa msemmija fil-Floriana nsibu oħrajn li wkoll għandhom l-importanza partikulari tagħhom. Barra minn hekk fil-lokalita` tagħna nsibu wkoll lapidi tifkira b'bassoriljev fuqhom flok statwi. Anke dawn għandhom sinifikat li ma għandux bl-ebda mod jiġi mwarrab.

**Air Force Memorial**
Monument li jfakkar l-vittmi tal-gwerra tar-Royal Air Force. Huwa forma ta' kolonna b'ajkla indurata bid-deheb fuqha, is-simbolu ta' din il-forza ta' l-ajru Brittnika. Mal-bażi tal-kolonna hemm numru kbir ta' ismijiet tal-vittimi membri ta' din il-forza li ħallew ħajjithom biex jingħeleb l-għadu. Dan il-memorial inkixef fl-1954 mir-Reġina Eliżabbetta II u jinsab fejn qabel kien hemm ir-Rundel Garden jew il-Ġnien tal-Papri kif kien magħruf qabel mill-Furjaniżi.

**Monumenti tar-Royal Malta Artillery u l-Kings Own Malta Regiment**
Dawn huma żewġ monumenti żgħar iżda ħelwin fil-ġenb tal-Monument tal-Gwerra. Ma' dawn insbu l-ismijiet ta' suldati Maltin vittmi tal-gwerra.

**Dun Karm (1871-1961)**
Monsinjur Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali tagħna, huwa mfakkar b'monument li juri l-figura tiegħu wieqaf fuq pedistal pjuttost baxx viċin ħafna tal-Monument tal-Gwerra. Huwa l-aktar monument riċenti li twaqqaf fil-Floriana. Dun Karm kif hu affezzjonalment magħruf huwa dak li kiteb il-kliem ta' l-Innu Malti fuq il-mużika tal-Furjaniż Kurunell Dr. Robert Samut li kien joqgħod fil-pjazza li llum iġġib ismu. Il-monument sar mill-Gvern u l-Poplu Malti b'ħidma tal-Għaqda tal-Malti (Universita`) fl-2000.

**It-Torri ta' l-Ilma ta' Wignacourt**
Dan huwa torri monument biex ifakkar it-twassil ta' l-ilma mil-Belt ta' l-Imdina għall-Belt Valletta fl-1615 fi żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt. Jinsab quddiem il-Knisja ta' Sarria.

**Kan. Prof. Paolo Pullicino (1815-1890)**
Monument xi ftit moħbi hu dak tal-Kanonku Professur Paolo Pullicino magħruf bħala edukatur. Kien Direttur ta' l-Iskejjel Primarji. Ta' daqs żgħir jinsab quddiem il-



## Mill-President Onorarju il-Commendatore Simon A. Bonello

bini tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u sar f'tifkira tas-Sena Internazzjonali tal-Ktieb (UNESCO) fl-1990.

**Dante Alighieri**

Monument li forsi għalina l-Maltin ma tantx għandu sinifikat huwa ta' Dante Alighieri, kolonna tal-letteratura Taljana. Ħafna kienu u huma dawk l-istudenti li studjaw jew qed jistudjaw La Divina Commedia, l-akbar xogħol letterarju tiegħu. Jinsab wara n-niċċa ta' Sant'Anna taħt is-sur.

**Lapida / Bassoriljev tal-Vittimi Furjaniżi**

Jekk wieħed jaqra minn x'hiex għaddiet il-Floriana fl-aħħar Gwerra Dinjija permezz tal-ktieb "The Besieged Citadel" tal-kon-ċittadin tagħna l-Kavallier Emmanuel S. Tonna malajr jinduna kemm batew il-Furjaniżi, kemm mietu u korrew u kemm intilfu djar. Għal dan il-għan twaħħlet lapida mal-ġenb tal-Knisja Arċipretali b'bassoriljev fuqha bl-ismijiet tal-Furjaniżi vittmi tal-aħħar gwerra. Fosthom insibu l-ismijiet tal-mejtin meta waqgħet il-knisja. Kien hemm minn miet fil-kennirja u oħrajn fil-passaġġ li jagħti għas-sagristija. Din il-lapida li l-bassorilev tal-bronz tagħha fuq naħa juri l-knisja ta' San Publju mġarrfa u fuq oħra il-knisja tal-Kappuċċini wkoll imġarrfa ħidma ta' l-għadu saret bl-inizjattiva tal-Kleru u l-poplu tal-Floriana u nkixfet fl-1990. F'kull 28 ta' April li hija d-data meta fl-1942 ġiet ibbumbardjata l-knisja tagħna, issir ċerimonja żgħira iżda sinifikanti quddiem din l-lapida. Taħtha jitqiegħdu kuruni mill-Kunsill Lokali u mill-Floriana Senior Citizens.

**Dun Mikiel Xerri u Sħabu**

Ftit piedi 'l bogħod mill-lapida tal-vittmi Firjaniżi hemm oħra li tfakkar lill-patrijotti Dun Mikiel Xerri u sħabu maqtula mill-Franċiżi meta kienu qed jippjanaw biex il-Maltin ta' barra s-swar tal-Belt Valletta u l-Floriana jidħlu ġewwa biex illiberaw 'il Malta mill-ħakma Franċiża. Jingħad li dawn l-eroj Maltin indifnu fiċ-Ċimiterju ta' San Publju li kien taħt iz-zuntier il-kbir (tan-naħa ta' Balzunetta).

**Vincenzo Dimech (1768-1831)**

Vincenzo Dimech kien dak il-bravu skultur Malti li ħadem l-istatwa ta' San Publju fl-1811. Jingħad li din l-istatwa, fost l-isbaħ f'Malta u tant għal qalb il-Furjaniżi nħadmet f'maħżen fi Triq San Publju, kantuniera ma' Triq il-Miratur. Din l-lapida b'bassorilev fuqha tinsab proprju fuq in-naħa ta' Triq San Publju fuq l-istess maħżen.

**Il-Knisja Arċipretali ta' San Publju**

Fil-fehma tiegħi l-akbar monument fil-Floriana huwa l-Knisja Arċipretali ta' San Publju. Huwa l-monument ta' l-Ewwel Qaddis Malti u l-Ewwel Isqof ta' Malta. Hija tiddomina Pjazza San Publju meqjusa bħala waħda mill-akbar pjazez ġo belt fl-Ewropa. Quddiem din l-knisja saru diversi manifestazzjonijiet kemm reliġjużi kif ukoll soċjali u politiċi. Biżżejjed insemmu d-darbtejn meta l-Papa Ġwann Pawlu II qaddes ftit passi 'l bogħod mill-knisja u bbeatifika tliet Maltin. L-istatwa ta' Kristu Re fuq il-frontispizju tal-knisja kienet saret meta l-Festa ta' Kristu Re kienet tintemm fi Pjazza San Publju wara korteo mill-Belt Valletta.

Il-Floriana jonqosha żewġ monumenti. Għaliex qatt ma nħaseb li jsir monument li jfakkat iż-żjarat tal-Papa Ġwann Pawlu II proprju fejn qaddes darbtejn viċin l-Istitut Kattoliku. Ma kinitx tkun ħaġa sabiħa u flokha kieku dak is-salib kbir li tpoġġa fl-ewwel żjara tiegħu f'Malta tħalla fi Pjazza San Publju flok ittieħed Għajn Dwieli fejn jinsab. Għaliex sa issa għad ma għandniex monument li jfakkar ix-xogħol f'diversi oqsma li wettaq Chev. Emmanuel S. Tonna b'riżq il-Floriana u ċ-ċittadini



## Mill-President Onorarju il-Commendatore

Simon A. Bonello

tagħha. Chev. Tonna fil-Gwerra kien Protection Officer, Spettur ta' l-Ispecial Constabulary u Head Teacher ta' l-Iskola Primarja tagħna. Kien ukoll il-President tal-Floriana Football Club fi snin tad-deheb ta' dan il-club. Ħadem biex twaqqfu l-Floriana School Old Boys Association ( illum Fsobians) kif ukoll l-Floriana Senior Citizens. Snin ilu kien sar sfoz mill-Kumitat tal-Fsobians biex jinfetaħ fond bl-iskop li jsir monument iżda sfortunatament kollox tar mar-riħ. Huwa mfakkar biss permezz ta' Pjazza Lolly Tonna u tas-sala ewlenija taċ-Ċentru tal-Floriana Senior Citizens. Naħseb li jistħoqqlu aktar minn hekk.

**Riċerka**

Final Focus on Floriana
(*Emmanuel S. Tonna*)
Is-Subborg tal Furjana u l-Parroċċa Tiegħu
(*Antonio Agius*)
Il-Furjana
(*Gazzetta Lokali*)



